MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 33/2007/3

**Lourdes Castillo**

**v.**

**Mohrab Kasem**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Frar 2008. F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob li l-

ewwel Qorti tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta’ Ottubru 2003 huwa null u bla effett.

**2.** Is-sentenza appellata hija din:
“**Il-Qorti,**

“Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

“Illi mill-premess jirrizulta li z-zwieg kkontrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta’ Ottubru, 2003, huwa null u bla effett u dan minhabba li:

“1. Il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

“2. Il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

“3. Il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

“4. Xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirriferi ghall-futur;

“5. Xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b’mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex tinholoq kunsens ghaz-zwieg;

“6. Inoltre l-kunsens tar-ragel kien simulat u dan ghal skop ta’ zwieg ta’ konvenjenza.

"Ghaldaqstant, tghid il-parti konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

"M'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Ottubru, 2003, hu null u bla effett ghar-ragunijiet premessi.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa:

"1. Illi fl-ewwel lok jigi ddikjarat illi z-zwieg m'huwiex null.

"2. Illi m'huwiex minnu li huwa ittenta jinqeda biz-zwieg kif allegat l-attrici fir-rikors guramentat taghha.

"3. Illi l-attrici ghandha tipprova l-allegazzjonijiet minnha stante li huma inveritieri.

"4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

"5. Illi l-intimat konvenut jaf b'dawn il-fatti personalment.

"Rat l-atti kollha tal-kawza;

"Semghet il-provi bil-gurament;

"Ikkunsidrat;

"**Azzjoni**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-13 ta' Ottubru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali "ta' xi wahda mill-partijiet" kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu l-konvenut jsostnu li z-zwieg huwa validu fil-ligi.

"**Kwadru tal-fatti**

"Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

"Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu civilment fit-13 ta' Ottubru 2003 meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 21 sena u l-konvneut, cittadin sirjan, kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimikien ftit xhur. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

"Illi l-versjoni attrici hija fis-sens li hi kienet tghix waheda fin-Naxxar meta saret taf lill-konvenut il-Belt. Hija tghid li kienet izzewwget lill-konvenut wara li kienu ilhom "jafu lil xulxin seba [7] xhur". Fid-dikjarazzjoni guramentata tghid li "immedjatament wara t-tieg, tlelaqha mal-ewwel, u l-anqas lejl wiehed ma ghamilna. Lanqas lejn il-bieb tieghi ma resaq". Hija tghid li l-konvenut kien izzewwigha biex "jinqeda biz-zwieg mieghi halli jiehu l-identity card u freedom of movement."

"Illi fid-deposizzjoni[1] taghha tat-13 ta' Novembru 2007 hija tikkonferma l-imsemmija dikjarazzjoni. Tghid li huma kienu zzewwgu daqshekk malajr biex il-konvenut ikun jista' joqghod Malta peress li ma kellux permess biex jahdem u kien Malta bil-visa. Hija tikkonferma li qatt ma kellhom x' jaqsmu flimkien sesswalment, u tghid li dak in-nhar stess li zzewwgu "ma rajtux aktar b'ghajnejja."

"Fid-deposizzjoni taghha tat-23 ta' Jannar 2008, waqt li kienet qeda tixhed f'konfront mal-konvenut, l-attrici terga' tikkonferma kategorikament li huma qatt ma kellhom x' jaqsmu flimkien sesswalment fi kliemha "xejn, xejn, xejn".

"Illi l-konvenut xehed fit-23 ta' Jannar 2008 fejn jispjega li hu kien ilu jaf lill-attrici <u>tlett [3] xhur</u> meta huwa kien ippropona zwieg lill-attrici. Huwa jghid li ried jizzewweg daqshekk malajr <u>ghax kien ihobbha</u> u kien mohhu mistrieh ghax kien jisma' lil min jghid li "l-maltin qishom bhal pajjizna, jigifieri naqblu hafna." Huwa jghid li kien ikollhom

[1] Fol.17 *et seq.*

x' jaqsmu flimkien sesswalment, kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg, izda ma kienux jiehdu prekawzzjonijiet sabiex l-attrici ma tinqabadx tqila. Huwa jghid li b'kollox ilu jafha tlett snin, li tlett xhur minnhom kienu qabel iz-zwieg, u l-ahhar tlett xhur u nofs taz-zwieg huwa ghamilhom wahdu fis-Sirja fejn kien mar jara lil qrabatu. "Ghalhekk, skond il-konvenut il-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet damet sentejn u nofs.

"Huwa jghid li meta gie lura mis-Sirja lill-attrici ma kienx sabha fid-dar matrimonjali, izda kienet marret f'dar ohra u qaltlu li kienet sabet ragel iehor. Il-konvenut jghid li matul il-konvivenza matrimonjali "qatt ma ggilidna.", u l-attrici ma kien jonqosha xejn meta kienet mieghu. Fi kliemu: "xi trid ingibilha, ezempju ghandha bzonn mobile jew xi haga nixtrilha jien mill-ewwel jigifieri ma jonqosha xejn ghandi."

"Illi din il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet jiddeponu u ezaminat l-provi migjuba, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-attrici u mhux lill-konvenut.

"Illi huma rilevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet:

"[1] Illi l-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracita' ta' l-allegazzjoni tal-konvenut li dana kien izzewweg ghax kien ihobb lill-attrici; liema dubji huma provokati mill-fatt taz-zmien qasir hafna li huma kienu ilhom jafu lil xulxin qabel ma zzewwgu. Dan il-perijodu skond il-konvenut huwa ta' 3 xhur, filwaqt li l-attrici ssostni li kien aktar; izda xorta kien perijodu ta' ftit xhur li zgur fih <u>ma setghux kienu ppreparati ghaz-zwieg</u>, *multo magis* fil-kaz prezenti, meta l-partijiet jappartjenu ghall-kulturi differenti bi stil ta' hajja radikalment diversa.

"[2] Illi l-kredibilita` tal-versjoni tal-konvenut li hu kien ihobb lill-attrici daqstant li wara ftit xhur ried jizzewwigha, tiddghajjef quddiem il-fatt minnu ammess li wara ftit zmien miz-zwieg [sentejn] huwa mar jara lil qrabatu s-Sirja u lill-attrici <u>halliha wahedha ghal tlett xhur u nofs shah</u>.

"[3] Illi d-dokument prezentat mill-konvenut fix-xiehda tieghu intiz biex jipprova li sat-12 ta' Lulju 2006 il-partijiet

kienu qedin jghixu flimkien, jiddghajjef quddiem il-konsiderazzjoni li f'dak iz-zmien il-konvenut, skond il-versjoni tieghu, kien imsiefer. Di fatti fix-xiehda tieghu huwa, jghid li huwa kien siefer lejn is-Sirja wara sentejn u tmien xhur jew seba' xhur, u allura f'Gunju jew f'Mejju tas-sena 2006, fejn dam tlett xhur u nofs; filwaqt li l-korrispondenza esebita ghandha t-timbru tal-11 ta' Lulju 2006. Inoltre dan id-dokument ma giex konfermat mill-awtur tieghu.

"[4] Illi l-attrici tallega l-fatt negattiv li l-partijiet qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi u qatt ma ghexet mal-konvenut, filwaqt li dan ta' l-ahhar isostni l-fatt posittiv li wara c-cerimonja huma kienu marru joqghodu r-Rabat u sussegwentement il-Hamru fejn kien joqghod huh mal-mara tieghu; izda, ghalkemm il-konvenut allega dawn il-fatti, huwa ma gab ebda xintilla ta' prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu, bhal per ezempju xiehda jew affidavit ta' huh u tal-mara tieghu, imma llimita ruhu li jasserixxi l-konvivenza ma' martu. Minn naha taghha l-attrici ssostni li kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara hi kienet tghix waheda fin-Naxxar.

"[5] Illi, ghalkemm il-konvenut isostni li qabel iz-zwieg huwa, li kien ilu Malta erba xhur, kien jahdem Malta ta' plasterer u kellu visa, ma gab ebda prova f'dan ir-rigward. Inoltre, jghid li huwa ma kienx tkellem ma' l-attrici dwar il-visa tieghu. Il-Qorti tikkonsidera din l-asserzjoni inverosimili, tenut kont tal-fatt li huwa fatt notorju li persuni li jkollhom il-hsieb li jizzewwgu barranin kwazi nvarjabbilment jiffaccjaw il-problema tal-visa u s-soggjorn permanenti f'dawn il-Gzejjer hafna drabi tkun il-motivi principali ta' zwieg accelerat.

"[6] Illi mill-atti, u senjatament mill-Att taz-Zwieg, jirrizulta li meta l-konvenut izzewweg lill-attrici fit-13 ta' Ottubru 2003 huwa kellu biss il-passaport sirjan u ma jirrizultax li kellux karta ta' l-identita` lokali, filwaqt li jirrizulta mix-xiehda tieghu li sussegwentement nghata karta ta' l-identita` bl-ittra "A" u ghalhekk jirrizulta li wara z-zwieg il-konvenut akkwista l-permess ta' soggjorn permanenti f'Malta. Dawn il-fatti jsahhu t-tesi attrici li l-konvenut inqeda biha u

biz-zwieg unikament biex jakkwista fl-freedom of movement f'Malta.

"Illi in bazi ghall-premess il-Qorti tirravvisa f'dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut meta dana, ghalkemm esternament ghadda minn ceremonja ta' zwieg ma' l-attrici, internament u b'att posittiv tal-volonta` tieghu eskluda li jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici diretta lejn il-benessere reciproku, prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied. Il-fatti provati jghatu konfort lit-tesi attrici.

"Minn-naha l-ohra pero` il-Qorti tirravvisa certu nuqqas ta' responsabbilita` da parti ta' l-attrici li dahhlet fi zwieg ma' persuna ta' kultura differenti minghajr ma qieset ic-cirkostanzi kollha, partikolarment il-posizzjoni tal-visa tal-konvenut; u ghalhekk ghandha tbati parti mill-ispejjez.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Ottubru 2003 fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-kap.255. L-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

## <u>II. L-APPELL</u>

3. Il-konvenut hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk appella minnha b'rikors ipprezentat fil-5 ta' Marzu 2008. Is-sostanza ta' l-appell tal-konvenut jikkonsisti principalment dwar li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi migbura quddiemha meta kkonkludiet illi z-zwieg huwa null ghaliex ghazlet il-verzjoni moghtija mill-attrici u skartat ix-xiehda tieghu. Aggravju iehor tal-konvenut huwa illi l-ewwel Qorti applikat il-paragrafu (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 sabiex waslet ghall-konkluzjoni illi z-zwieg kien null meta ma rrizultawx l-elementi rikjesti ghas-simulazzjoni tal-kunsens taz-zwieg.

4. L-attrici ma rrispondietx ghal dan l-appell pero` l-Avukat tal-attrici ttratta l-appell fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2008 fejn issottometta *inter alia* illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Il-fatti saljenti tal-kaz

5. L-attrici appellata illi hija cittadina Maltija izzewwget lill-konvenut appellant li huwa ta' cittadinanza Sirjana fir-Registru Pubbliku fit-13 ta' Ottubru 2003 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

### L-aggravji tal-konvenut appellant

6. L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u dan meta qieset illi x-xiehda tal-appellata kienet aktar kredibbli minn dik tieghu u waslet sabiex tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet kien null u bla effett fil-ligi ai termini tal-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-partijiet xehdu "viva voce" quddiem l-ewwel Qorti u ma pprezentawx xiehda ohra b'affidavits jew "viva voce" in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom. L-attrici appellata xehdet fis-seduta mizmuma quddiem l-ewwel Qorti fit-13 ta' Novembru 2007 (fol. 17 *et seq*), u ma sarilhix kontro-ezami; filwaqt illi l-konvenut appellant xehed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2008 (a fol. 27 *et seq.*) f'liema seduta l-Qorti laqghet it-talba tal-attrici illi tikkonfronta lill-appellant.

8. Dina l-Qorti tosserva illi l-kontendenti fix-xiehda taghhom jaghtu zewg verzjonijiet tal-fatti illi huma konfliggenti ghall-ahhar, hekk kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti. Il-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut appellant izzewwigx lill-attrici appellata semplicement ghall-konvenjenza, jigifieri sabiex jkun jista' jakkwista passaport Malti u cittadinanza Maltija, hekk kif qeghda tallega l-appellata, jew inkella zzewwigx bil-hsieb li jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha essenzjali tal-hajja mizzewwga.

### Verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici appellata

9. L-appellata kkonfermat id-dikjarazzjoni taghha fir-rikors guramentatipprezentat minnha illi qabel iz-zwieg kkuntrattat fir-Registru Pubbliku fit-13 ta' Ottubru 2003, il-kontendenti kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar seba' xhur u li l-problemi matrimonjali bdew immedjatament wara z-zwieg. Hija kkonfermat ukoll illi z-zwieg ma kienx gie kkonsmat. Meta mistoqsija kemm kienu damu mizzewwgin hija tghid hekk:
"Xhur, jekk tghoddhom xhur ghax dan lanqas norqdu flimkien, xejn ghax dan kien jghix ma' huh dak iz-zmien il-Hamrun u kien jghidli le ghax jiena irrid inqum ghax-xoghol." (a fol. 19)

10. L-appellata ssostni fix-xiehda taghha illi l-konvenut kien issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg ghaliex huwa kien qalilha li xtaq illi jmur jghix maghha peress illi kienet tghix wahidha. Huwa zzewwigha sabiex jkun jista' joqghod Malta peress illi ma kellux permess biex jahdem u kien Malta bil-visa. L-appellata tixhed ukoll illi kien l-konvenut appellant illi kien ippropona z-zwieg. Hija tghid illi kienet accettat li tizzewwgu ghaliex dak iz-zmien hija kienet tghix wahedha u huwa kien offrilha li jmur jghix maghha u ma rieditx tikkoabita minghajr ma tizzewweg.

L-appellata ssostni illi huma qatt ma ghexu flimkien u li:

"minn dakinhar 'l hawn, minn dak il-hin taz-zwieg li tani c-certifikat, xejn, ma rajtux b'ghajnejja." (a fol. 22)

**<u>Verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut appellant</u>**

11. L-appellant ikkonferma illi l-kontendenti kienu ilhom biss ftit xhur johorgu flimkien qabel ma zzewwgu u jghid illi meta ltaqa' mal-appellata huwa kien ilu erba' xhur hawn Malta u kien jahdem bhala bajjad u kahhal u kellu l-visa. Huwa xehed ukoll (a fol. 29) illi huwa kien ippropona lill-appellata sabiex tizzewwgu ghaliex kien ihobbha u ghaliex fil-kultura tieghu, u cioe` fis-Sirja, hija kkunsidrata xi haga normali illi l-koppji jizzewwgu wara ftit li jkunu iltaqghu u kien taht l-impressjoni illi l-kultura tal-Maltin kienet l-istess bhal tieghu. Huwa xehed in oltre illi z-zwieg kien gie kkonsmat u li l-kontendenti kellhom relazzjonijiet sesswali

kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg, u li ma kienux juzaw preservattivi ghalkemm xehed ukoll illi l-appellata ma riditx tfal sabiex igawdu l-hajja qabel ma jahsbu ghat-tfal ( a fol. 30-31). Huwa sostna illi kienu damu jghixu flimkien bhala koppja mizzewwga ghal madwar tlett snin meta imbaghad kien siefer wahdu ghal tlett xhur is-Sirja sabiex jara lill-familjari tieghu u meta gie lura l-appellata ma riedetx taf bih aktar ghaliex kienet bdiet relazzjoni extra-konjugali ma' terza persuna.

12. Huwa jichad illi qatt kienu jiggieldu waqt iz-zwieg u jghid illi huwa ma kien jonqosha minn xejn u li kull ma kienet titolbu kien jaghtihulha. Huwa jichad ukoll illi sa mill-bidu nett taz-zwieg huwa kien mar jghix ma' mara ohra u jghid illi huwa qieghed jghix flimkien ma' huh u l-mara tieghu. L-appellat ezebixxa ittra legali mibghuta mill-Avukat tieghu, datata l-11 ta' Lulju 2006 (a fol. 45) indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija li fiha talab illi jigi rritornat lilu l-passaport. F'dik-ittra huwa stqarr illi huwa kien mizzewweg lill-attrici appellata u li kienu qeghdin jghixu f'17, Vancouver, Flat 2, Triq iz-Zahar, Rabat.

13. L-appellant ghazel illi ma jressaq ebda xiehda u sahansitra ghazel illi ma jaghmilx il-kontro-ezami tal-appellata meta kellu kull dritt illi jaghmel dan. L-appellant isostni illi huwa zzewweg lill-appellata ghaliex kien ihobbha. Pero` dina l-Qorti issibha ferm difficli temmen lill-appellant tenut kont tal-fatt illi l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin tlett xhur biss qabel ma zzewwgu (hekk kif ikkonferma l-istess appellant a fol. 27) u dan minghajr ebda preparazzjoni ghal dan il-pass daqshekk importanti. Ir-raguni moghtija mill-attrici appellata ghaliex hija accettat li tizzewweg lill-appellant kienet illi huwa xtaq illi jmur jghix maghha peress illi kienet tghix wehedha f'dar gewwa n-Naxxar. L-appellata ssostni illi l-kontendenti qatt ma ghexu flimkien filwaqt illi minn naha l-ohra l-appellant jichad dan u jghid illi huma kienu jghixu flimkien wara z-zwieg ir-Rabat u sussegwentement marru jghixu l-Hamrun. Pero` meta mistoqsi mill-Qorti (a fol. 34) x'kien l-indirizz tar-residenza taghhom gewwa r-Rabat huwa irrisponda: "Ma nafx ghax ma dommniex hemmhekk hafna." Meta mbaghad gie mistoqsi mill-Qorti x'kien l-

indirizz tar-residenza fil-Hamrun huwa ta indirizz li wara rrizulta illi dak kien l-indirizz tal-post illi fih kien jghix flimkien ma' huh. Hawnhekk l-appellant jikkonferma t-tezi tal-appellata illi huwa wara z-zwieg mar jghix ma' huh u ma marx jghix mal-appellata. Dina l-Qorti wkoll taqbel mal-ewwel Qorti meta rriteniet illi l-fatt illi l-appellant siefer lejn is-Sirja sabiex jara lil qrabatu ghal tlett xhur u nofs minghajr ma ha lill-appellata mieghu ma tantx hija indikazzjoni ta' dak li qed isostni, u cioe` illi huwa zzewweg ghaliex kien ihobbha. L-appellant jispjega illi huwa ma kienx ha lill-appellata mieghu minhabba li hija kienet tahdem pero` l-appellata ssostni li minhabba ragunijiet serji ta' sahha (li hija semmiet fix-xhiedha taghha) hija m'hijiex f'posizzjoni illi tahdem. L-appellant ghalkemm ikompli jsostni illi l-appellata kienet tahdem jikkonferma illi l-appellata kienet qeghda tircievi l-beneficcju socjali.

Jirrizulta mix-xiehda tal-appellant illi wara z-zwieg, l-appellant irnexxielu jottjeni l-karta tal-identita` biex b'hekk seta' jghix b'mod permanenti f'Malta liema fattur jkompli jsahhah it-tezi tal-appellata illi huwa zzewwigha proprju biex jilhaq dan l-iskop.

14. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Lydia Musu' v. Dr. Ian Spiteri Bailiey et. bhala kuraturi tal-assenti Adebayo Kareem**", fejn dik il-Qorti, wara li rriferiet ghas-sentenzi decizi mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Josephine Grech v. Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**" (deciza fl-10 ta' Ottubru 1995), u "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila v. Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" (deciza fis-16 ta' Jannar 1998) ikkummentat hekk:
"... meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg inniffsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni, pero` tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll

implicitament…. Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunses matrimonjali u tinterprethom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tasal imqar sal-grad ta' probabbilita`, li kien hemm l-ekluzjoni pozittiva imsemmija."

15. Dina l-Qorti tikkondividi pjenament l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi li hemm fil-process u taqbel sostanzjalment mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li wasslet ghalihom l-ewwel Qorti, u senjatament meta din irreteniet illi l-appellant:
"ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg ma' l-attrici, internament u b'att posittiv tal-volonta` tieghu eskluda li jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici diretta lejn il-benessere reciproku, prokerazzjoni u trobbija ta' l-ulied. Il-fatti provati jghatu konfort lit-tesi attrici."

16. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-konvenut appellant. Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lid-Direttur tad-Dipartiment dwar l-Affarijiet tac-Cittadinanza u l-*Expatriates*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------